

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1429

tal-31 ta' Mejju 2021

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-*data* dwar vetturi heavy-duty ġodda li għandha tiġi mmonitorjata u rrapportata mill-Istati Membri

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO₂ u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tiġi prevista analiżi fil-fond f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2018/956, tkun meħtieġa *data* li tippermetti l-identifikazzjoni ta' vetturi heavy-duty rreġistrati bħala "vetturi bi skop speċjali" kif definiti fl-Anness I, Parti A, punt 2.2 tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet medji speċifiċi tas-CO₂ ta' manifattur għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. Tali *data* tiddaħħal fil-pożizzjoni 51 taċ-ċertifikat ta' konformità ta' vettura heavy-duty meta tiġi rreġistrata. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu aġġustati r-rekwiżiti tad-*data* speċifikati fl-Anness I, il-Parti A tar-Regolament (UE) 2018/956 dwar id-*data* li għandha tiġi mmonitorjata u rrapportata mill-Istati Membri.
- (2) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/956 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2018/956

Fl-Anness I, Parti A tar-Regolament (UE) 2018/956, jiżdied il-punt (o) li ġej:

"(o) għal vetturi bi skop speċjali rreġistrati sat-30 ta' Ġunju 2021, fejn disponibbli, u għal vetturi bi skop speċjali rreġistrati mill-1 ta' Lulju 2021, fil-każijiet kollha, id-deżinjazzjoni tagħhom kif speċifikat fl-entrata 51 taċ-ċertifikat ta' konformità."

⁽¹⁾ ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE, (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
